

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Marzu 2013

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-audituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-audituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru**

(2013/127/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari għall-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkmandazzjoni BĊE/2013/3 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Frar 2013 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-audituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru (¹),

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendentni rakkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-audituri esterni attwali tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru ser jiskadi wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2012. Huwa għalhekk neċċessarju li jinhātru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2013.
- (3) Il-Bank Ċentrali ta' Ċipru għażel lil KPMG Limited bħala l-audituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017.
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkonda li KPMG Limited għandhom jinhātru bħala l-audituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017.

(5) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li tiġi emdata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE (²) skont dan,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

### Artikolu 1

L-Artikolu 1(14) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“14. KPMG Limited huma b'dan approvati bħala l-audituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Ċipru għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017.”.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

E. GILMORE

<sup>(1)</sup> ĠU C 37, 9.2.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.